



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

---

**2011/2196(INI)**

6.2.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-futur tal-ajruporti reġjonali u tas-servizzi tal-ajru fl-UE  
(2011/2196(INI))

Rapporteur: Gionnmaria Uggias

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza tal-ajruporti reġjonali fil-kuntest tat-trasport bl-ajru u r-rwol essenzjali tagħhom biex jassiguraw il-koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, kemm internament fl-Istati Membri kif ukoll fl-Unjoni, billi jipprovdu konnessjonijiet bejn ir-reġjuni; jindika li għandhom jinżammu l-obbligi attwali ta' servizzi pubbliċi, u kwalunkwe obbligu tali li jsir qbil dwaru fil-futur għandu jkun ġustifikat mill-ħtieġa li jkunu assigurati l-aċċessibilità u l-kontinwità territorjali tar-reġjuni, bħal tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, dawk periferiċi jew reġjuni gżejjer, u żoni ċentrali li ma jinstabux fuq ir-rotot ta' trasport ewlenin, peress li l-konnessjonijiet xierqa tat-trasport bl-ajru jippermettulhom ilaħħqu mal-iżvantaġġi ġeografiċi inerenti tagħhom; jinnota li biex jinkiseb dan l-objettiv għandha tingħata prijorità għat-titjib tal-intermodalità; hu favur il-possibbiltà li jiġu konklużi ftehimiet ta' sħubija bl-appoġġ tal-awtoritajiet u tal-kumpaniji tal-ajru nazzjonali u reġjonali : jinnota l-importanza tal-ajruporti, li kultant huma l-unika konnessjoni bejn reġjun u l-kumplament tal-Ewropa; jisħaq li l-ajruporti reġjonali huma meħtieġa wkoll fir-reġjuni l-inqas żviluppatti tal-Ewropa, li m'għandhomx netwerks ta' toroq jew ferrovjarji tajbin; jemmen, għalhekk, li r-reġjuni għandu jingħataw konnessjonijiet xierqa; jinnota, fil-kuntest tas-sitwazzjoni tal-kriżi ekonomika attwali u tal-isforzi għal konsolidament fiskali, għandu jinsab bilanċ xieraq bejn il-ħtiġijiet tal-kompetittività u l-istabbiltà finanzjarja ta' kull ajruport u l-ħtiġijiet soċjali u reġjonali li għandhom jiġu moqdiya;
2. Hu tal-fehma li l-proliferazzjoni mingħajr ħsieb ta' aktar ajruporti reġjonali tmur kontra l-kriterji tal-effiċjenza u s-sostenibbiltà; jisħaq, min-naħa l-oħra, li għandhom jissaħħu l-konnessjonijiet eżistenti, b'mod partikolari fiż-żoni kollha bi żvantaġġi ġeografiċi (bħal pereżempju l-gżejjer); jilqa', għaldaqstant, kwalunkwe inizjattiva immirata għall-iżvilupp tar-rwol tat-trasport pubbliku, anki dak tat-toroq, bil-promozzjoni tal-konnessjonijiet;
3. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jikkunsidraw il-fatt li konnessjonijiet tajba tat-trasport bl-ajru huma importanti għall-iżvilupp tal-ekonomija lokali u t-turiżmu, biex jiġu attirati aktar investituri u biex ikun żgurat it-trasport rapidu ta' passiġġieri u merkanzija; jirrikonoxxi l-importanza tal-ajruporti reġjonali fit-titjib tal-mobilità u l-konnettività interreġjonali u fl-assistenza biex ir-reġjuni jsiru aktar attraenti; jinnota li t-turiżmu qiegħed juri ruħu reżistenti għall-kriżi ekonomika, u għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-kwalunkwe aspekk jew deċiżjoni tal-politika ekonomika li x'aktarx jistgħu jappoġġjaw jew jiżviluppaw it-turiżmu, bħalma hu l-każ tat-trasport bl-ajru u l-proġetti infrastrutturali fl-ajruporti;
4. Jenfasizza r-rwol tal-ajruporti reġjonali li jaġixxu bħala xprun għall-iżvilupp ta' ċentri ta' innovazzjoni, billi jnaqqsu l-ispejjeż ta' lokalizzazzjoni ta' negozji ġodda, speċjalment f'reġjuni ġeografikament imbiegħda;
5. Jinnota l-importanza ekonomika tal-ajruporti reġjonali għall-ħolqien tal-impjiegi, partikolarment fir-reġjuni inqas żviluppatti jew żvantaġġjati; jenfasizza, f'dan ir-rigward,

il-bżonn li jiġi sfruttat b'mod iktar effettiv il-potenzjal għal impjiegi ambjentali; jiddispjaċih, madankollu, għan-numru qawwi ta' impjiegi inċerti f'dan is-settur, u jqis li l-persunal li jaħdem fl-ajruporti jew għal kumpaniji li jipprovdu servizzi għewwa l-ajruporti jew linji tal-ajru li joperaw fihom, għandhom igawdu minn termini kuntrattwali u rati ta' pagi deċenti, u li għandhom jiġu rispettati l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tal-ajruport, billi jkunu previsti standards minimi ta' protezzjoni, li spiss ma jeżistux fejn il-linji tal-ajru low-cost jikkostitwixxu l-parti l-kbira tat-traffiku;

6. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali li, apparti l-kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika u finanzjarja, jikkunsidraw ukoll il-fatturi ambjentali, territorjali, ġeoloġiċi u metereoloġiċi u kriterji razzjonali oħrajn meta jiddeċiedu fejn għandhom jinbnew l-ajruporti, jew meta faċilitajiet ajruportwali jeħtieġu jiġu rinnovati jew estiżi; jenfasizza, fl-istess waqt, l-importanza tal-użu u tal-immodernizzar tal-istrutturi attwali qabel ma jinbnew oħrajn ġodda; jinnota li l-iżvilupp tat-trasport bl-ajru għandu jikkunsidra l-għanijiet stipulati fl-Istrateġija UE 2020; jirrakkomanda għalhekk li l-ajruporti jiksbu tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mit-trasport bl-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-UE sas-sena 2020;
7. Jikkunsidra li tkun ħaġa partikolarment importanti li jiġu applikati soluzzjonijiet ta' trasport intermodali, fejn ikun possibbli; huwa tal-fehma li f'dan ir-rigward, b'kunsiderazzjoni tal-istat attwali tal-avvanzi teknoloġiċi f'dan il-qasam, għandhom jiġu żviluppati kollegamenti bil-ferrovija jew tal-linji kollettivi tat-trasport fit-toroq bejn l-ajruporti, għaliex joffru metodu ideali biex l-ajruporti jiġu inkorporati fin-netwerks ta' trasport nazzjonali u Ewropej kif ukoll biex inaqqsu l-problemi ta' kapaċità tal-ajruporti kkonċernati; huwa tal-fehma li konnessjoni aħjar bejn l-ajruporti reġjonali u l-irħula tal-madwar permezz ta' servizzi tat-trasport lokali bil-ferrovija jew bit-tramm jista' jkollha impatti pożittivi mill-perspettiva ambjentali u jgħinu biex jirrazzjonalizzaw it-trasport reġjonali kollu kemm hu; jitlob li s-sitwazzjoni partikolari ta' xi reġjuni li fihom l-iżvilupp tal-intermodalità tkun affettwata mill-karatteristiċi fiżiċi u naturali tagħhom, ma għandhiex tiġi injorata; jirrikonoxxi l-kontribut possibbli li jistgħu jagħtu l-ajruporti reġjonali biex itaffu l-konġestjoni tat-trasport tal-passiġġieri, biex b'hekk jaġevolaw l-ajruporti ffullati ż-żejjed, u jwasslu għad-diversifikazzjoni tar-rotot tal-ajru; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jipproponu pjanijiet għall-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali eżistenti u biex dawn isiru aktar effiċjenti;
8. Hu tal-fehma li l-ajruporti reġjonali, minħabba l-impatt ambjentali u ekonomiku tagħhom, għandhom jiġu appoġġati b'mod xieraq mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni lokali u reġjonali, u – abbażi ta' analiżi ta' kost-benefiċċju – għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għal finanzjament b'fondi tal-UE, kif ukoll strumenti oħra tal-inġinerija finanzjarja ffinanzjati mill-UE skont il-qafas ta' programmazzjoni l-ġdid; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra l-opportunitajiet offruti mill-ajruporti reġjonali bħala parti min-netwerk tat-trasport ċentrali Ewropej;
9. Hu tal-fehma li l-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-azzjonijiet skont l-għan tal-kooperazzjoni territorjali għall-promozzjoni tal-bilanċ fost ir-reġjuni f'termini ta' aċċess għall-ajruporti u l-iżvilupp koordinat ta' netwerk ta' konnessjonijiet tat-trasport, għall-koeżjoni territorjali;

10. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżguraw li, b'konformità ma' valutazzjonijiet territorjali speċifiċi, u b'kunsiderazzjoni tal-kooperazzjoni transkonfinali, l-ajruporti jkunu nklużi fi pjanijiet reġjonali tal-iżvilupp spazjali u jitqiesu fi strateġiji ta' żvilupp reġjonali – partikolarment b'konnessjoni mal-pjanijiet integrati ta' mobilità sostenibbli - u fejn ikun xieraq fl-istrateġiji makroreġjonali eżistenti u futuri; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jikkunsidraw l-importanza ta' ajruporti reġjonali fil-kuntest tan-negozjati dwar il-programmi operattivi futuri tagħhom;
11. F'dan ir-rigward ifakkar l-importanza li jitfasslu, jiġu pjanati u jitħaddmu strateġiji konġunti fuq skala transkonfinali fir-rigward tal-iżvilupp u l-aċċess għal infrastrutturi tal-ajruporti; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea biex jintlaħqu dawn l-istrateġiji kkoordinati u l-urġenza ta' ċerti investimenti transkonfinali; jitlob li l-koordinazzjoni makroreġjonali kollha tinkludi fl-istrateġija tagħha studju profund dwar l-integrazzjoni tat-trasport, partikolarment bl-ajru, biex tinkiseb koeżjoni soċjali u territorjali reali;
12. Jenfasizza l-importanza li tiżdied il-kompetittività tar-reġjuni ultraperiferiċi u tiġi promossa l-integrazzjoni tagħhom ma' reġjuni oħra sabiex tingħeleb il-firda ekonomika li tisseparahom mill-bqija tal-Ewropa.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	26.1.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 41 -: 1 0: 3
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, John Bufton, Alain Cadec, Salvatore Caronna, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Brice Hortefeux, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Vincenzo Iovine, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Petru Constantin Luhan, Ramona Nicole Mănescu, Riikka Manner, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Ana Miranda, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Markus Pieper, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Evgeni Kirilov, Lena Kolarska-Bobińska, James Nicholson, Ivare Padar, Heide Rühle, Giommara Uggias
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Julie Girling